MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2074/1999/1

**Carmen Chetcuti**

**vs**

**Carmela Fenech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici ta' l-attrici fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u erbghin lira maltija (Lm3640), bilanc minn somma akbar lilha mislufa permezz ta' skrittura datata ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) (Dok. A);

Illi l-konvenuta naqset li thallas lill-attrici l-ammont fuq imsemmi skond dak pattwit fl-istess skrittura;

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas hija baqghet inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal- Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u l-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti skond il-ligi;

Talbet ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef sitt mija u erbghin liri maltin (Lm3640), flus mislufa lilll-konvenuta skond skrittura datata 10 ta’ Novembru 1993;

Bl-ispejjez u bl-imghax mit-30 ta’ April 1997 kontra l-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni;

Rat l-affidavit tal-attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit :-

Preliminarjament u minghajr pregudizzju, c-citazzjoni attrici ma hijiex skond ma titlob il-ligi u senjatament, ma fihiex dikjarazzjoni guramentata u ghaldaqstant jezistu l-esterni tan-nullita tac-citazzjoni attrici skond il-ligi;

Fil-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ma talbitx li l-konvenuta tigi dikjarata li hija verament debitrici taghha u ghaldaqstant ic-citazzjoni hija monka u

l-istess konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jkun hemm il-korrezzjoni mehtiega fit-tieni talba attrici u dan stante li skond il-premessi tac-citazzjoni attrici dak li hu dovut huwa l-ammont ta’ tlett elef, sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm3,640) u mhux l-ammont ta’ erbat elef lira (Lm4,000);

Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma giex osservat il-vot tal-ligi dwar ix-xhieda u cioe li l-attrici ma iddikjaratx, dwar kull wiehed mix-xhieda, xi prova bi hsiebha taghmal bix-xhieda taghha;

Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija perenta a tenur ta’ l-atikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu l-ebda ammont mhu dovut u dan stante li d-debitu gie estint meta l-attrici hadet id-deheb tal-konvenuta. In oltre, il-konvenuta kienet ghamelt diversi pagamenti lill-attrici;

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici kemm ta’ l-ewwel talba li diga giet michuda, u kif ukoll tat-tieni talba rispettivament;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Jannar 2000 li bih giet korretta cifra fic-citazzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta rrinunzjat ghar-raba ecezzjoni taghha;

Semghet ix-xhud prodott mill-attrici;

Rat l-affidavit tal-al-attrici u ta' Joanne Chetcuti presentat mill-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2002 minn fejn jirrizulta li l-attrici wriet hames brazzuletti tad-deheb, salib b'gizirana tad-deheb u brazzuletta ohra tad-deheb, li skond l-attrici gew konsenjati lilha mill-konvenuta ghas-saldu tal-imghaxxijiet dovuti in relazzjoni mas-self in kwestjoni u dana ghall-periodu li jissemma fl-iskrittura relattiva. Inoltre l-attrici ddikjarat li l-konvenuta kkonsenjat oggetti tad-deheb lill bint l-attrici peress li bint l-attrici kienet tintercedi mal-konvenuta sabiex tinghata self mill-attrici;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza goet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attrici tippretendi li l-konvenuta hi debitrici taghha fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u erbghin lira maltija (Lm3640), bilanc minn somma akbar lilha mislufa permezz ta' skrittura datata 10 ta' Novembru 1993. Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Il-konvenuta qed teccepixxi preliminarjament li mac-citazzjoni ma hemmx dikjarazzjoni guramentata u ghalhekk c-citazzjoni hi nulla skond il-ligi u inoltre ma hemmx talba li l-konvenuta tigi dikjarata debitrici tal-attrici u ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Teccepixxi ukoll li l-azzjoni hija perenta a tenur ta' l-atikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-meritu teccepixxi li l-ebda ammont mhu dovut u dan stante li d-debitu gie estint meta l-attrici hadet id-deheb tal-konvenuta u in oltre, il-konvenuta kienet ghamelt diversi pagamenti lill-attrici;

L-ewwel zewg eccezzjonijiet mhux sostenibbli skond il-ligi u ghalhekk dawn ma jistghux jigu akkolti. Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-atikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus mghotija b'self jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq hames snin. F'dan ir-rigward jirrizulta li dan il-periodu prekrittiv gie interrot permezz ta' ittra ufficjali debitament mibghuta mill-attrici lill-konvenuta fit-22 ta' Ottubru 1998 u notifikata lill-konvenbuta ft-2 ta' Novembru 1998. Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista tigi akkolta;

Jibqa ghalhekk li t-talbiet attrici jigu esaminati fid-dawl tal-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuta u cioe' li l-ebda ammont mhu dovut lill-attrici stante li d-debitu gie estint meta l-konvenuta kkonsenjat id-deheb lill-attrici u in oltre l-konvenuta kienet ghamelt diversi pagamenti lill-attrici;

L-attrici kkonfermat li fit-13 ta'Ottubru, 1993 selfet lil konvenuta s-somma ta' tlett elef u tlett mitt lira maltin (Lm3,300). Sussegwentement selfet lill-istess konvenuta somma ulterjuri ta' seba' mitt lira maltin (Lm700) meta in effett saret l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 1993 ghand l-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia. L-attrici taccetta li fuq l-ammont shih indikat fl-imsemmija skrittura, cioe' Lm4000, ma kellux jiddekorri l-imghax peress li l-konvenuta kienet ikkonsenjatilha varji oggetti tad-deheb. Il-ftehim kien li jekk il-konvenuta tonqos li thallas lura s-soma kollha sat-30 ta' April 1997, allura kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet tat-8% fuq il-bilanc kollu li kien ghadu dovut. L-attrici taccetta li l-konvenuta hallset lura biss is-somma komplessiva ta' Lm360;

Da parti taghha l-konvenuta tichad li l-attrici tata komplessivament is-somma ta' erbat elef lira maltin (Lm4000). Il-konvenuta tghid li l-attrici selfitha biss hames mitt liri maltin (Lm500) u tghid ukoll li l-ftehim kien li ghall kull lira li ssellfet kellha thallas lura zewg liri (Lm2). Il-konvenuta tghid li d-deheb ikkonsenjatu lill-attrici biss bhala garanzija. Il-konvenuta kkalkulat li dan id-deheb b'kollox kien jiswa xi Lm1700. Il-konvenuta qalet ukoll li kienet thallas Lm100 fix-xahar pero' l-attrici qatt ma tata

ricevuta. Tghid li kienet tibghat dawn il-flus jew ma bin jew ma bint l-attrici. Hallset b'kollox xi Lm1200 u ghalhekk kienet hallset lura aktar mill-ammont ta' Lm1000 li kienu miftehema. Il-konvenuta tghid li l-attrici ma riditx tirrikonoxxi dan kollu u ghalhekk iddikjarat li kienet ser izzomm id-deheb;

Il-konvenuta mhux kredibbli f'dak kollu li qalet. Ghall-ewwel l-istess konvenuta taccetta li saret l-iskrittura ghand l-avukat pero' tghid li dak in-nhar ma ghaddewx flus. Sussegwentement l-istess konvenuta tghid li ma kinitx iffirmat jew ghamlet il-marka taghha fuq xi dokument dakinhar li marrett ghand l-Avukat Farrugia. Iktar tard hija tghid li marret ghand l-Avukat Farrugia biex tharrek lill-attrici u dakinhar l-attrici ma kinitx prezenti. Hi zieded tghid li qatt ma maret ghand l-Avukat Farrugia flimkien ma' l-attrici. Il-konvenuita terga tikkontradici ruhha meta tghid li ssellfet minghand l-attrici xi haga zghira fuq hames mitt lira, cirka hames mija u hamsin lira, Hi tghid li hallsitha lura kwazi kollox u fadal x'titthallas xi haga zghira;

Fil-varji deposizzjonijiet tal-konvenuta hemm hafna inesattezzi u l-konvenuta diversi drabi tikkontradici lilha nnfisha. Ghalhekk il-konvebnuta mhux kredibbli u dak kollu li qalet l-istess konvenuta ghandu jigi skartat;

Gie prodott biex jixhed L-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia li kkonferma l-iskrittura tal-10 ta' Novembru, 1993, u l-kontenut taghha kollu. Huwa kkonferma ukoll li meta saret l-istess skrittura l-attrici tat lill-konvebnuta s-somma ulterjuri ta' Lm700. Huwa kkonferma li l-hlas lura tas-somma mislufa kellu jsir minnghajr imghax peress li l-konvenuta kienet ikkonsenjat lill-attrici kwantita ta' oggetti tad-deheb;

Fil-kors ta' dawn il-proceduri l-attrici wriet varji oggetti tad-deheb li, skond l-istess attrici, gew konsenjati lilha mill-konvenuta ghas-saldu tal-imghaxxijiet. Dan jirrizulta ukoll mill-imsemmija skrittura ta' Novembru 1993. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u tenut kont tal-oggetti kollha tad-deheb in kwestjoni dawn l-istess ogetti tad-deheb

ghandhom jitqiesu li nghataw lill-attrici ghas-saldu tal-imghaxxijiet kollha sallum;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet kollha attrici jirrizultaw suficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta ghandhom jigu rigettati;

Ghaldawn il-motivi kolha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef sitt mija u erbghin liri maltin (Lm3640), flus mislufa lilll-konvenuta skond skrittura datata 10 ta' Novembru 1993 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------